ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 496**

**It-Tlieta 19 ta' Ġunju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fit-6.18 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sur Joseph Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 496.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

496.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jkun skużat.

496.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku jkun skużat.

496.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

496.1.4 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

## 496.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

496.2.1 Il-minuti tal-495 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

## 496.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

496.3.1 Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

## 496.4 Aġġudikazzjoni ta' kuntratti;

- **Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018)**

496.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018) kienu għadhom qed jiġu evalwati. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambejnt (ZLC 1/2018) jiġu aġġudikati fil-laqgħa li jmiss.

- ***Resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018)**

496.4.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għar-*resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ZLC 6/2018) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija *Dimbros* għall-prezz ta' €152,921 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

**496.5 Deċiżjonijiet dwar il-kuntratti**

- ***Works Manager – Project Co-Ordinator* mal-Kunsill Lokali (ZLC 4/2016)**

496.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *Works Manager – Project Co-Ordinator* mal-Kunsill Lokali (ZLC 4/2016) kien ser jagħlaq fit-3 ta' Lulju, 2018 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

**496.6 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji**

496.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Jannar – Marzu 2018. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

**496.7 Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2017**

496.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2017. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

### 496.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

496.8.1 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mis-27 ta' Mejju 2018 sad-19 ta' Ġunju 2018 li kienet tammonta għal €58,806.55.

496.8.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2018 li kien jammonta għal €133.34.

496.8.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-organizzazzjoni *Be Positive Self Help Bipolar Malta* urew l-interess biex jaħdmu aktar fil-qrib mal-Kunsilli billi jtellgħu laqgħat informattivi biex iqajmu kuxjenza fis-soċjetà fuq il-kundizzjoni *Bipolar*. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-inizzjattiva.

496.8.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ittra mibgħuta lill-Kunsill dwar ħsara li allegatament ġarrbet sidt il-ħanut M.M. Gratiae fi Triq il-Kbira. Is-Sinjura Michelle Fenech allegat illi konsegwenza tal-umbrelel li ntramaw fi Triq il-Kbira, żviluppat ħsara fid-dawl u ġarrbet ħsara fil-*fridge* tal-ħanut. Is-Sinjura Fenech talbet kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrbet fil-*fridge* kif ukoll għall-prodotti li kellha fiha liema spiża tammonta għal €381.59. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta r-responsabilità għal dan l-inċident u jħallas lis-Sinjura Fenech l-ammont ta' €381.59.

496.8.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill talba li rċieva mingħand il-kumpanija *TCTC* sabiex jiġu organizzati korsijiet tal-kompjuter liż-żgħażagħ vulnerabbli fil-bini tal-Kunsill. Is-Sur Roderick Vella staqsa jekk l-applikazzjonjiet għal dan il-kors kinux ser isiru mill-impjegati tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-korsijiet tal-kompjuter fil-bini tal-Kunsill mingħajr spejjeż għall-kunsill u mingħajr ebda xogħol żejjed fuq l-istaff tal-Kunsill.

### 496.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

496.9.1 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet fejn hemm *wifi access points* f'Ħaż-Żabbar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm *wifi access points* fi Ġnien il-Kunsill, f'Misraħ San Ġakbu, kif ukoll fil-venda l-antika.

496.9.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx applika għall-iskema WIFI4EU. Is-Sinjura Calleja ssuġġeriet li jitwaħħal *wifi access point* ġdid fiż-żona ta' Triq Alessio Erardi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien applika għall-iskema WIFI4EU sabiex isaħħaħ il-*wifi* li hemm fi Ġnien il-Kunsill

kif ukoll sabiex jitwaħħal *wifi access point* fil-bandli Ġnien Tamara fil-*Housing Estate* .

496.9.3 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għas-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta – Miżura 4.4. u staqsietx jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill kinitx ġiet aċċettata. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma kien irċieva ebda risposta dwar din l-applikazzjoni.

496.9.4 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir *central strip* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Wied il-Għajn.

496.9.5 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza li ntbgħatet mill-kumpanija *GreenPak* sabiex jippromwovu l-ġbir ta' skart reċiklat matul il-festi billi titwaqqaf struttura tal-injam b'xibka kbira sabiex jintremew il-fliexken tal-plastik fiha. Il-flixken tal-plastik miġbura jinġabru mill-kumpanija *GreenPak* filwaqt li t-tappijiet jitneħħew u jinġabru għall-kampanja Nirriċikla Għall-Istrina. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-kumpanija *GreenPak* biex tipprovdi l-istruttura tal-injam matul il-ġranet tal-festa ta' Ħaż-Żabbar u titpoġġa fi Triq tal-Labour.

496.9.6 Is-Sur Joseph Agius talab biex jintbgħat kennies sabiex jiknes Triq l-Inkurunazzjoni Sqaq Numru 5.

496.9.7 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir *patching* fi Triq il-Bidni minħabba li hemm ħafna ħofor perikolużi.

496.9.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġi rranġat ċ-ċint tas-*soft area* fi Triq iċ-Ċimiterju.

496.9.9 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru l-*parking bays* fi Triq il-Kapuċċini.

496.9.10 Is-Sur Julian Paul Scicluna qal illi l-attività *Crossroads@Zabbar* kienet suċċess u talab sabiex il-Kunsill jibqa' jorganizza attività simili kull sena.

496.9.11 Is-Sur John J Pace qal illi l-attivita` *Crossroads@Zabbar* kienet ta' suċċess peress illi kien hemm għaqda u *team* tajjeb fil-Kunsill. Is-Sur Pace qal illi fil-passat huwa kien organizza l-attivita` Lejla fil-Belt Hompesch għal tlett snin konsekkutivi iżda kull meta talab li jġib kantanti bħal *Airport Impression,* l-ex Segretarju Eżekuttiv ma kienx jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Is-Sur Buttigieg qal illi t-talba sabiex jinġiebu l-*Airport Impression* kellha titressaq quddiem il-Kunsill, u dan peress illi d-deċiżjonjiet jittieħdu waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

496.9.12 Is-Sur Roderick Vella rringrazzja lill-Kunsill, lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u lill-Grupp tal-Armar għall-għajnuna li taw sabiex l-attività *Crossroads@Zabbar* tkun ta'

sucċess. Is-Sur Vella żied jgħid li kienet ilha ma tittella' attività f'Ħaż-Żabbar u li ż-Żabbarin kienu kburin b'din l-attività.

496.9.13 Is-Sur Brian Spiteri qal illi l-attività *Crossroads@Zabbar* tat isem lil Ħaż-Żabbar mad-dinja.

**496.10 Mozzjonijiet; u**

496.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**496.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

496.11.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-497 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju, 2018.

IFFIRMATA

Joseph Buttigieg
Kunsillier